# I. Epigrammi Umoristiċi (ii)

## 21. IL-QAMAR

L-Ingliżi jqisu l-qamar bħala mara,
il-Maltin iqisuh raġel ta' xejn;
imma inti, Qamar, x'inti? raġel jew mara?
nittama, Qamar, li m'intix it-tnejn.

## 22. LOVE AT FIRST SIGHT

Ralha saqajn għoljin, sider imqabbeż,
għajnejn tutin ileqqu daqs nixxiegħa;
u ħabbha minnufih, klikk faqqgħet molla
daħal ġon-nassa, u baqa' għomru fiha.

## 23. L-EŻEMPJU

Intom, irġiel, li tħallu 'l-mara tgħir
u tagħmel dak li trid, tas-serduk żgħir,
ħudu l-eżempju; b'naqra ta' munqar
irażżan mitt tiġieġa lejl u nhar.

## 24. FLU-FLU

Tpoġġi f'ħoġor kulħadd biex imellisha,
kulħadd fil-ħanut jgħid kemm hi gustuża...
? ? ? ? ? ? ? *fil-ktieb stampat bi żball versi 3 ta' epigramm 25*
? ? ? ? ? ? ? *fil-ktieb stampat bi żball versi 4 ta' epigramm 25*

## 25. IL-KOLONJA

Ineżżgħu lil xulxin u lkoll għarwiena,
u jmorru bla mistħija fejn jaħtieġ...
Ħabib, tkemmixx xofftejk, ħsibt ħażin ħafna;
dawna mhumiex nudisti, iżda tiġieġ.

## 26. PERPETWA

Ħutha x-xebbiet iżżewġu, iżda lilha,
kull raġel donnu minnha jaqbdu l-biża',
u saħansitra r-Riħ, għaliex hu raġel,
kull xħin jgħaddi bil-passa kien jaqbiżha.

## 27. IL-HENA TAL-MIŻŻEWĠIN

Il-Kappillan qal lill-irġiel miżżewġa:
"Iqum bil-wieqfa kull min hu nkwetat!"
u r-rġiel miżżewġa qamu lkoll bil-wieqfa,
ħlief wieħed biss li kien paralizzat.

## 28. RAĠEL QADDIS

Kulħadd kien jgħid kemm huwa raġel twajjeb,
raġel tassew qaddis Ġużepp ta' Bomba:
darba mill-art intrefa' u beda tiela'...
la titqarqux – kienet refgħetu tromba.

## 29. LILL-IĠGANT TAL-PALAZZ

F'nofs il-bitħa għarwien f'dan il-bard kollu,
tħares madwarek b'ħarsa kollha nkwiet,
bħal donnok tlift xi ħaġa u qed tfittixha...
m'intix jewwilla tfittex il-qalziet?

## 30. PASKAL U L-KELBA

Paskal iħobb il-kelba għax fidila,
tajba għall-kaċċa u mhix ibbastardjata;
iżda fuq kollox huwa jħobb il-kelba
għax darba gidmet gidma lill-kunjata.

## 31. SAN PIETRU U T-TIPJIP

“Kull min ipejjep ma jidħolx il-ġenna!”
San Pietru jgħid fil-bieb u jifli strett;
’mma mindu dara jpejjep, għajnejh jagħlaq,
jekk ma jitlobx ukoll xi sigarett.

## 32. LYGIA

Dejjem fil-kantuniera b’wiċċ daħkani,
sidirha mqabbeż, ġisem ma jafx b’xaħam;
Ħabib, la titqarraqx, kompli fi trieqtek,
Lygia statwa tar-rħam u mhux tal-laħam.

## 33. PORTELLI U MAGGI

Portelli qal lil Maggi l’ huwa barri;
Maggi għamillu kawża bla dewmien;
Portelli rtira l-kliem li qal lil Maggi;
u Maggi baqa’ barri bħalma kien.

## 34. NOĊENS

Noċens kien innoċent kif jgħidlek ismu,
jaħdem għad-dar u tifel mill-beżlin;
u ta’ dit-tieba martu nkoronatu
mhux bħall-poeti, iżda bħall-barrin.

## 35. SINJUR KBIR

Il-Qorti tiegħu, tiegħu wkoll il-banek
fejn għandu deheb u flejjes bil-miljuni;
dalwaqt isir sinjur aktar mill’ huwa,
għax se jikrulu b’xejn Villa Frankuni.

## 36. IN-NEGOZJANT TAL-INBID

L-aktar ħaġa li tolqtu mill-Vanġelu,
fost tant ġrajjiet u għemejjel kbar ta' ġid
li Kristu wettaq, hija l-ħila tiegħu
li biddel waqt it-tieġ l-ilma fl-inbid.

## 37. IL-BJUDA

Ja Bjuda sbejħa, n-nies iħobbuk ħafna
fir-ragħwa tas-sapun u f'saqaf darhom,
fil-ġilju u fuq is-silġ u kull fejn tidher;
ħlief meta tbajjad fuq il-mewġ ta' xagħarhom.

## 38. XENQIET ID-DINJA

Xtara karozza ġdida u siefer biha
biex jara d-dinja u jgawdi ftit il-ħajja;
u saq u saq, iżda bis-sewqan tiegħu
spiċċa biex flok d' id-dinja ra 'l ta' wrajjha.

## 39. KATARIN U L-PJANU

Il-pjanu iswed qdiem, u t-tasti bojod,
li tant daqqew sabiħ, sfaw immermrin;
u wieħed wara l-ieħor waqgħu kollha
bħas-snien bojod u sbieħ ta' Katarin.

## 40. IS-SAKRANAZZ

Li kellu ta' bilfors jinbidel f'siġra,
Pawlinu s-sakranazz ikun irid
isir qasba tal-wied; ħalli jixxengel,
basta l-ilma tal-wied ikun inbid.